ŻFINMALTA

NATIONAL DANCE COMPANY



# 2025

## PROGRAMM GĦAR-REBBIEGĦA U S-SAJF

NAPA National Agency for the Performing Arts

# KONTENUT


**03**

**ŻFIN10**

NIĊĊELEBRAW 10 SNIN TA' ŻFINMALTA

**09**

PRODUZZJONIJIET

**17**

TAGĦLIM U PARTEĊIPAZZJONI

**21**

IL-KUMPANIJA

**11** **DECADE**
*Koreografija ta'* **Thick & Tight**
Teatru Salesjan

**13** **MORTAL HEROES**
*Koreografija ta'* **Sita Ostheimer**
Teatru Manoel

**15** **SOMIGLIANZA (PRÉLUDE À L'APRÈS-MIDI D'UN FAUNE)**
*Koreografija ta'*
**Antonio De Rosa and Mattia Russo – Kor'sia**
Dance Festival Malta

**19** **ŻFINMALTA WORKSHOP TOUR**
Mis-16 sat-28 ta' Ġunju

**19** **SUMMER INTENSIVE | ŻFINMALTA X DANCEHIVE**
Mis-7 sat-18 ta' Ġunju




*ritratt minn* **Alexandra Pace**



## ŻFIN10 - NIĊĊELEBRAW 10 SNIN TA' ŻFINMALTA

Il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin, ŻfinMalta, bi pjaċir tippreżenta ŻFIN10, ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet, avvenimenti speċjali u proġetti parteċipattivi, li tilħaq il-qofol tagħha permezz tal-premiere tat-tant mistenni DECADE, produzzjoni ġdida fjamanta, maħluqa minn Thick & Tight.

Bħala l-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin kontemporanju, ŻfinMalta qattgħet dawn l-aħħar għaxar snin ittella' rappreżentazzjonijiet ta' kalibru dinji, trawwem it-talent lokali u taħdem qatigħ sabiex turi li Malta hija ċentru kulturali vibranti fuq livell internazzjonali. Ingħaqdu magħna biex niċċelebraw għaxar snin ta' eċċellenza artistika, innovazzjoni u żvilupp.

*Appoġġjat mill-* **Kunsill għall-Arti f'Malta**

*ritratt minn* **Alexandra Pace**

## NOTA MID-DIRETTUR ARTISTIKU

MATTHEW WILLIAM ROBINSON

L-anniversarju tagħna huwa mument biex nirriflettu fuq l-istorja u nesprimu ottimiżmu għall-futur: il-waqt li niċċelebraw dak li kien, waqt li nfasslu dak li jista' jkun.

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-għaxar anniversarju tagħna, nerġgħu nisħqu l-impenn tagħna li nkunu kontemporanji, li nissawru mill-ħajja kurrenti, li ninvolvu ruħna b'mod kritiku fl-isfidi li ġġib magħha, mal-kumplessitajiet u mas-sbuħija tagħha. Li niddiskutu mal-ġenerazzjonijiet il-ġodda, mal-innovazzjonijiet il-ġodda, u biex naħdmu b'mod kollaborattiv biex infasslu dinja aħjar.

Il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin, ŻfinMalta qed timraħ f'territorji ġodda, mhux biss fuq il-palk, imma anke lil hinn. Ninsab tassew ħerqan li naqsam magħkom il-programm li jmiss u nistedinkom tesperjenzaw il-kumpanija bħal qatt qabel.

## 10 – DOKUMENTARJU TA' ŻFINMALTA

**Premiere**

**It-Tnejn 21 ta' April | 19:30**
ŻfinMalta Studios, Il-Belt Valletta

Serata speċjali għall-film, djalogu u ċelebrazzjoni hekk kif niżvelaw id dokumentarju ġdid li jimmarka l-10 snin tal-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin.

## TEN

**Youth Performance Project**
*Koreografija minn* **Nicola Micallef and Tara Dalli**

F'ġimgħa intensiva, għaxar żeffiena żgħażagħ Maltin se joħolqu biċċa xogħol kreattiva ġdida mal-artisti Nicola Micallef u Tara Dalli. Maħluqa apposta għall-ispazju pubbliku tat-Teatru Salesjani, din il-produzzjoni se tkun il-ftuħ ta' DECADE.

Fis-17 ta' April, tfal u żgħażagħ bejn it-12 u s-17-il sena huma mistiedna jattendu għal sejħa miftuħa u jipparteċipaw f'workshop fejn se jintgħażlu l-parteċipanti, fl-istudios ta' ŻfinMalta.

Applika sad-9 ta' April.

*Għal iktar informazzjoni żur* **żfinmalta.org/education-and-participation/żfin10-call-for-participation**

## GRUPPI TA' ĦIDMA GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

*Ma'* **Sarah Vella and Benji Cachia**

**22 u 23 ta' April**
L-Oratorju tas-Salesjani, tas-Sliema

Ħamsa u tletin parteċipant miċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva tal-Imsida, Birkirkara, is-Siġġiewi u San Pawl il-Baħar se jkunu qed jesperjenzaw gruppi ta' ħidma dwar il-ħoss u l-moviment.

## IŻFEN MA' ŻFINMALTA

**Edizzjoni speċjali mis-serje tal-klassijiet għall-adulti li jsiru filgħaxijiet**

**3, 10, 17 u 24 ta' April**
ŻfinMalta Studios

Kull nhar ta' Ħamis matul ix-xahar ta' April, Rebecca Camilleri se tkun qed tmexxi klassijiet taż-żfin kontemporanju għall-adulti. Il-parteċipanti li jibbukkjaw għax-xahar kollu ta' April se jirċievu biljett b'xejn għal DECADE, il-produzzjoni ta' ŻfinMalta. M'hemmx ħtieġa ta' esperjenza passata fiż-żfin sabiex tieħu sehem.**www.żfinmalta.org/dance-with-us**

**Prezz** €12 għal kull sessjoni / €40 jekk tibbukkja għal xahar sħiħ





*ritratt minn* **Alexandra Pace**

## DANCE DIALOGUES

**Serje ġdida ta' poddati**

**Joħroġ fil-21 ta' April**
Online

Insiru nafu l-artisti tal-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin f'Malta waqt li nitgħallmu iktar dwar xi jsir wara l-kwinti tal-kumpanija. Kull episodju se jindaga fl-aspetti tal-ħajja ta' żeffien, l-evoluzzjoni tal-kumpanija u l-artistrija li tiddefinixxi r-rappreżentazzjonijiet ta' ŻfinMalta.

## PROVI MIFTUĦA

**It-Tlieta 22 ta' April**
Teatru Salesjan

Kun minn tal-ewwel biex tara l-koreografija inkredibbli ta' Thick & Tight u ara kif qed nittrasformaw it-teatru għal dan l-avveniment tant speċjali – kollox b'xejn.

Kemm jekk għandek iż-żfin għal qalbek jew sempliċiment tixtieq issir taf dwar il-maġija li sseħħ wara l-kwinti, m'għandekx titlef din l-esperjenza!

## IL-PUBLIKAZZJONI TAL-ARKIVJU

Bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tal-għaxar anniversarju ta' ŻfinMalta, il-kumpanija kburija tiżvela arkivju komprensiv tar-repertorju tagħha. Dan l-arkivju jservi ta' testment tal-vjaġġ kreattiv li salpat fuqu l-kumpanija, u issa se jkun jista' jiġi esplorat dalwaqt fuq zfinmalta.org.





*ritratt minn* **Alexandra Pace**



*ritratt minn* **Alexandra Pace**

# PRODUZZJONIJIET

## DECADE

*Koreografija ta'* **Thick & Tight**

**Fil-25 u s-26 ta' April 2025 | 19:30**
Teatru Salesjan, Tas-Sliema

DECADE huwa spettaklu ġdid li jiċċelebra l-identità Maltija. Id-duo Ingliż, rebbieħa ta' diversi unuri, Thick & Tight, se jġibu magħhom l-istil taż-żfin teatrali u distintiv sabiex jiċċelebraw l-10 anniversarju ta' ŻfinMalta, il-kumpanija nazzjonali taż-żfin f'Malta. DECADE mistenni jkun teatrali, għaldaqstant storbjuż, intimu u li jqanqal il-ħsieb, DECADE iservi ta' stedina biex jiġu ċċelebrati l-kisbiet ta' ŻfinMalta u biex wieħed jara lil Malta minn par għajnejn friski.

**DECADE huwa parti minn ŻFIN10, ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet, avvenimenti speċjali u proġetti parteċipattivi, li tilħaq il-qofol tagħha permezz tal-premiere tat-tant mistenni DECADE, produzzjoni ġdida fjamanta, maħluqa minn Thick & Tight.**

**Koreografija** Thick & Tight -
Eleanor Perry u Daniel Hay-Gordon
**Disinn tal-Kostumi** Laurent Uyttersprot
**Disinn tad-Dawl** Dali Aguerbi

**Tul** 40 minuta
**Età** 5+



*ritratt minn* **Alexandra Pace**

## MORTAL HEROES

*Koreografija ta'* **Sita Ostheimer**

**23, 24, 25 ta' Mejju 2025, 19:30**
Teatru Manoel, Il-Belt Valletta

Splussiva u delikata, aggressiva u ġentili, ix-xogħol il-ġdid ta' Sita Ostheimer għal ŻfinMalta se jieħu lill-udjenza f'dinja fejn il-moviment jieħu post il-kliem, fejn l-emozzjonijiet jiltaqgħu, u s-sentimenti jieħdu sura oħra.

Ix-xogħol ta' Sita Ostheimer huwa vjaġġ fit-tiftixa għal 'leħor', permezz tal-lingwaġġ fil-moviment distintiv tagħha, u l-approċċ tagħha lejn id-dawl u l-ħoss. F'Mortal Heroes teħodna fi vjaġġ profond ta' awtoriflessjoni u tifkiriet, tat-tluq u r-ritorn.

"Il-viżwali, id-dinamiċi, il-mużika, u l-kwalitajiet fiċ-ċaqliq tal-ġisem fix-xogħol tiegħi, jagħtu ċans liż-żeffiena u l-udjenza biex jiskopru sfera ta' eżistenza li bilkemm huma familjari magħha u jesperjenzaw il-motivazzjoni li ma tidhirx wara kull forza li tiċċaqlaq. F'Mortal Heroes, l-għan hu li noħolqu spazju mqanqal u tens li jqiegħed l-udjenza fi stat ta' eċitament intern li jġegħelhom jesperjenzaw il-qawwa u l-kapaċitajiet li għandu l-ġisem, il-moħħ u l-moviment" Sita Ostheimer.

**Ixtri l-biljett tiegħek u attendi l-provi miftuħa b'xejn.**

**Koreografija** Sita Ostheimer
**Disinn tad-Dawl** Barnaby Booth
**Kompożitur** Adrien Casalis / VIMALA
**Disinn tal-Kostumi** Holly Knowles
**Assistenta fil-Provi** Elena Martello
**Koordinatur tal-Produzzjoni** Tillmann Becker

**Tul** 50 sa 60 minuta
**Età** 5+



*ritratt minn* **Alexandra Pace**

## SOMIGLIANZA (PRÉLUDE À L'APRÈS-MIDI D'UN FAUNE)

*Koreografija ta'* **Antonio De Rosa and Mattia Russo – Kor'sia**

**DANCE FESTIVAL MALTA**

**26 ta' Lulju 2025**
Teatru Manoel, Il-Belt Valletta

*Somiglianza (Prélude à l'Après-midi d'un faune)* hija ommaġġ ironiku u ferrieħi għall-kreazzjoni leġġendarja ta' Nijinsky, u l-ballet modern tiegħu, tant magħruf, L'après-midi d'un faune. It-twaħħid tal-immaġni ta' fin de siècle flimkien ma' staging interessanti, Somiglianza bħal donnu tiddubita s-simboliżmu fis-soċjetà tal-Punent. Il-kreazzjoni ta' Nijinsky ta' L'après-midi d'un faune ta' Debussy, waħda mill-iktar ballet moderni magħrufa, isservi ta' mod kif Kor'sia jesebixxu l-viżjoni unika tagħhom ta' ikonografija taż-żfin. Dan ix-xogħol jinseġ immaġni mit-tmiem tas-seklu flimkien ma' divertiment temporanju, u jeħodna fi vjaġġ biex insegwu l-istorja taż-żfin, li tiġi interpretata b'perspettiva moderna u innovattiva.

Maħluqa mill-ġdid għal ŻfinMalta fl-2025

**Koreografija u Disinn tas-Sett u d-Dawl**
Mattia Russo & Antonio de Rosa – Kor'sia
**Mużika** Claude Debussy - Prélude à l'Après-midi d'un faune and Alejandro da Rocha
**Stilista** Luca Guarini
**Kostumi** Linda Rowell

**Tul** 30 minuta
**Età** 5+



*ritratt minn* **Camille Fenech**



*ritratt minn* **Camille Fenech**

# TAGĦLIM U PARTEĊIPAZZJONI

Iċċaqlaq permezz ta' opportunitajiet għat-taħriġ għall-etajiet u l-abbiltajiet kollha, jew inkella kun spettatur attiv, permezz ta' attivitajiet li huma ddisinjati biex jgħaqqdu l-udjenza tagħna mal-kollaboraturi artistiċi ta' ŻfinMalta.

## ŻFINMALTA WORKSHOP TOUR

**Għaxar workshops immexxija miż-żeffiena tal-kumpanija ta' ŻfinMalta fl-iskejjel taż-żfin f'Malta**

**Mis-16 sat-28 ta' Ġunju**

ŻfinMalta qed tagħti l-opportunità li dawk li jixtiequ jidħlu fid-dinja professjonali taż-żfin biex jiltaqgħu mal-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin fl-iskejjel fejn qed jitgħallmu. Qed niftħu sejħa pubblika għall-iskejjel taż-żfin biex japplikaw għall-workshop, immexxi miż-żeffiena tal-kumpanija ta' ŻfinMalta, li se jsir fl-iskejjel stess. Il-workshops ma jdumux iktar minn sagħtejn u l-età tal-parteċipanti għandha tkun minn 15-il sena 'l fuq.

*Applika issa* **www.żfinmalta.org/education-and-participation/workshop-tour**

Tista' tapplika sal- **4 ta' Mejju**

## SUMMER INTENSIVE

**ŻfinMalta x DanceHive**
L-istudios ta' ŻfinMalta

*Is-sajf tiegħek, l-ispirazzjoni tiegħek*

Qed nilqgħu żeffiena żgħar li għadhom ma daħlux fix-xena professjonali taż-żfin u anke dawk li diġà qegħdin fiha, u li huma ħerqana biex jimirħu f'orizzonti ġodda, biex jissieħbu magħna f'esperjenza immersiva taż-żfin kontemporanju.

ŻfinMalta x DanceHive Summer Intensive qed joffri żewġ programmi intensivi:

**Pre-professjonali u Professjonali (16+)**
Mis-7 sat-12 ta' Lulju / Mill-10:00 sal-17:00

**10 - 15 il sena**
Mill-14 sat-18 ta' Lulju / Mit-15:00 sas-18:00

Kull ġurnata tibda b'warm-up class dinamika. Wara jkun hemm esplorazzjoni profonda tar-repertorju ta' ŻfinMalta, li tinkludi xogħlijiet ta' koreografi ta' fama mondjali bħal Liliana Barros, Thick & Tight, Sita Ostheimer, Emanuel Gat, Matthew William Robinson u oħrajn. Il-programm jiffoka ħafna fuq il-versatilità, id-dinamiċi fi grupp, u l-irfinar ta' artist f'ambjent professjonali kreattiv.

Lil hinn mill-istudio, iż-żeffiena se jkollhom l-opportunità li jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet siewja mad-Direttur Artistiku Matthew William Robinson, u jipparteċipaw f'sessjonijiet interattivi mal-membri tal-kumpanija.

*Applika issa fuq* **www.żfinmalta.org/education-and-participation/summer-intensive-25/**

Tista' tapplika sas- **26 ta' April**

Għal iktar informazzjoni dwar programmi li għaddejjin bħalissa u aġġornamenti fuq **Dance Intensives, Company Open Classes** and **Open Rehearsals**, żur **żfinmalta.org/education-and-participation** u rreġistra biex tibda tirċievi l-aġġornamenti mingħandna.





*ritratt minn* **Camille Fenech**

## IL-KUMPANIJA

ŻfinMalta hija bejta ta' kollaborazzjonijiet artistiċi innovattivi li jaraw il-moviment bħala forza transformattiva fid-dinja tagħna, jinvolvu għadd ta' vuċijiet artistiċi kemm mill-qrib u anke mill-bogħod biex joħolqu xogħlijiet li ma jiġbdux biss l-għajn viżwalment imma anke jkunu fiżikament distintivi. Xogħlijiet li jaħkmu l-immaġinazzjoni tal-udjenzi nazzjonali u internazzjonali. Inkorporata fl-ekoloġija artistika tan-nazzjon, ŻfinMalta tistinka biex tqiegħed lil Malta fuq il-mappa bħala ċentru kulturali vibranti fl-isfera artistika Ewropea.

Taħt id-direzzjoni artistika ta' Matthew William Robinson, il-kumpanija hija magħmula minn għaxar żeffiena full-time, u żewġ żeffiena apprentisti, li ġejjin minn Malta u minn madwar l-Ewropa. Wara l-kwinti hemm tim ta' professjonisti taż-żfin u l-arti li jġibu magħhom fil-kumpanija l-għarfien espansiv tad-dinja tal-arti kontemporanja lokalment u anke internazzjonalment. Flimkien, joħolqu kumpanija li b'pass pjuttost mgħaġġel qed tikseb rikonoxximent fuq livell Ewropew.

**Żeffiena** Andrea Biagioni, Martí Blanco Romeu, Pearl Calleja, Lidia Caricasole, Lotte La Haye, Mario Manara, Keith Micallef, Hugo Olagnon, Simon Riccardi-Zani, Amber Van Veen
**Żeffiena Apprentisti** Nicole Chetcuti, Luke Bugeja Gauci
**Direttur Artistiku** Matthew William Robinson
**Producer Eżekuttiv** Nicole Bearman
**Assoċjat Direttur Artistiku** Brenda Lee Grech
**Uffiċjal tal-Edukazzjoni u Outreach** Martina Żammit
**Manaġer tal-Marketing u Komunikazzjoni** Suzanna Nikolic
**Uffiċjal tal-Kontenut u Tagħlim Kreattiv** Emma Walker
**Manaġer Tekniku** Mohamed Ali 'Dali' Aguerbi
**Assistenti Tekniċi** Nick Ebejer & Luca Parolin



*ritratt minn* **Camille Fenech**

## L-IMSIEĦBA TAGĦNA

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

## SPONSOR TAL-ISTAĠUN

FACES®

VisitMalta | medirect | OSTEOPATHY MALTA | Istituto Italiano di Cultura La Valletta | Ambassade de France à Malte | EDEN Cinemas

**Ringrazzjament lill-Accommodation Partners** IANNA – Anna Gallo & Ian Camilleri, Elisa & Simon Grech

## URINA S-SAPPORT TIEGĦEK

Is-sapport ta' ŻfinMalta jiżgura li aħna nkunu nistgħu nkomplu naħdmu bħala waħda mill-kumpaniji ewlenin taż-żfin kontemporanju fir-reġjun. Billi tinvolvi ruħkom tkunu qed tagħtu s-sapport vitali tagħkom għall-programm artistiku u l-produzzjonijiet, it-touring programme, l-edukazzjoni u l-attivitajiet ta' parteċipazzjoni għal kull età u programmi professjonali ta' żvilupp. Iktar importanti, tkunu qed taqsmu magħna s-sbuħija u l-hena taż-żfin kontemporanju u kunu afu li l-għajnuna tagħkom, żgħira kemm hi żgħira, hija ta' valur kbir għalina.

Għal iktar informazzjoni kkuntattja lil:

**NICOLE BEARMAN**
PRODUCER EŻEKUTTIV

+356 99999520
nicole.bearman@żfinmalta.mt

## ĊIRKU TA' DIRETTURI ARTISTIĊI

Valeria & Jordi Goetstouwers Odena
Dr Joanna Delia
Samantha Rowe-Beddoe & Gregory Nasmyth

**Disinn** Bloom Creative

## NAPA GOVERNANCE

### IL-BORD TAD-DIRETTURI

**ALISON WHITE**
ĊERPERSEN

**KATE DE CESARE**
**ANDREA CASSAR**
**MARY ANN CAUCHI**
**JOANNE BUTTERWORTH**
**FELIX BUSUTTIL**
**ADRIAN MAMO**

### IT-TIM TA' NAPA

**DOMINIC GALEA**
IL-KAP EŻEKUTTIV

**CHRISTABEL BORG PRECA**
DEPUTAT DIRETTRIĊI

**ELAINE BUGEJA**
PRODUCER EŻEKUTTIV
**MARIA AQUILINA**
EŻEKUTTIV TAL-MARKETING
**JOY DECELIS**
ASSISTENTA TAL-MARKETING U PRODUZZJONIJIET

**SYLVIA ATTARD**
UFFIĊJAL SUPERJURI TAL-AMMINISTRAZZJONI
**ISABELLE SAMMUT**
ASSISTENTA PERSONALI
**CLAUDE BUSUTTIL**
AMMINISTRATTUR
**VESNA MATIC KARIC**
UFFIĊJAL TAL-AMMINISTRAZZJONI

NAPA National Agency for the Performing Arts

ŻfinMalta il-Kumpanija Nazzjonali taż-Żfin hija parti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti tal-Ispettaklu (NAPA), aġenzija pubblika li tipprovdi qafas legali, amministrattiv u organizzattiv konġunt għal KorMalta, Teatru Malta u ŻfinMalta.

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA) twaqqfet fl-2023 bil-għan distint li tgħolli l-profil tal-arti tal-performattiva f'Malta, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Bħala l-aġenzija ewlenija għal l-arti performattiva, l-għan tagħha huwa li jkollha rwol attiv fit-tfassil tal-politika u l-promozzjoni tal-arti bħala dixxiplina fl-aspetti kollha tagħha – minn backstage sal-palk, mill-amministrazzjoni għall-prestazzjoni u mill-iżvilupp għal wirt – permezz tal-ħolqien ta' strateġija ta' sostenibbiltà għas-settur innifsu u għas-settur li jopera fih, kif ukoll sinerġiji ma' Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs) oħrajn u s-settur privat.

Fil-kontribut tagħha lejn opportunitajiet ġusti u sostenibbli ta' imġaġġ fi ħdan l-arti, NAPA tamministra u ssostni t-tliet kumpaniji nazzjonali tat-teatru, żfin u kor – Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta. L-istruttura organizzattiva tagħha ġiet imfassla biex issaħħaħ il-viżjonijiet artistiċi rispettivi, l-iżvilupp, preżenża, u l-identitajiet ta' Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta filwaqt li tiżgura li huma distinti b'mod uniku biex kull wieħed jipproduċi programm artistiku waħdu annwali, iżda sinerġizzati permezz ta' koproduzzjonijiet u kollaborazzjonijiet għal udjenza lokali u internazzjonali.

L-Aġenzija hija mmexxija minn Bord tad-Diretturi u Chairperson u qed titmexxa minn Mro. Dominic Galea bħala Kap Eżekuttiv, id-Deputat Direttur Christabel Borg Preca, u tliet Diretturi Artistiċi.

